25 ta' Ġunju, 1955

**Imħallef:**

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Antonio Grech

## Korruzzjoni ta' Minorenni — Konġunġiment Karnali Kontra Natura — Tentattiv — Art. 42, 221 u 222 tal-Kodiċi Kriminali.

*F'materja ta' korruzzjoni ta' minorenni u ta' tentattiv ta' konġunġiment karnali kontra natura, ma hux aċċettabbli l-argument li, għax il-liġi fid-delitti karnali tikkuntenta bil-bidu tal-konġunġiment, u l-Maġistrat ikun eskluda l-bidu tal-konġunġiment, u t-tentattiv jikkonsisti fil-bidu tal-eżekuzzjoni, allura, jekk ma hemmx bidu ta' konġunġiment, ma hemmx lanqas bidu ta' eżekuzzjoni, u kwindi ma hemmx tentattiv ta' konġunġiment karnali, imma hemm biss att libidinuż li jammonta għal att korruttur li hu rinunzjabbli mill-parti leża.*

*Għax għandha ssir distinzjoni bejn l-espressjoni "bidu tal-konġunġiment" użata fl-artikolu li jikkontempla dan ir-reat u l-espressjoni "bidu tal-eżekuzzjoni" użata fejn il-liġi titkellem fuq ir-reat tentat. Jista' jkun hemm attijiet li legalment jammontaw għal bidu ta' eżekuzzjoni tad-delitt ta' konġunġiment karnali kontra natura bla ma jkun hemm materjalment bidu tal-konġunġiment mill-lat fiżiku. L-attijiet li jikkostitwixxu bidu ta' eżekuzzjoni, għall-finijiet tat-tentattiv, huma dawk "univoċi"; u univoċi għandhom jitqiesu l-attijiet kommessi mis-suġġett attiv,*

*meta dawn ma jwettx ħaġ'oħra ħlief li hu pprova jikkonġunġi ruħu pederastikament mas-suġġett passiv, u ma rnexxielux għax dan irreżista.*

*Għall-finijiet tat-tentattiv, dan il-grad ta' univocità jista' jiġi raġġunt bla ma jkun hemm bidu tal-konġunġiment. Anki qabel ma s-suġġett attiv jasal għall-bidu tal-konġunġiment, l-attijiet tiegħu jistgħu jikkonfiguraw, bl-univocità tagħhom, il-bidu tal-eżekuzzjoni, li jirradika t-tentattiv.*

*Del resto, kwistjoni simili fl-istat tal-liġi tagħna jista' jingħad li hi meru dottrinalismu; għax il-kliem stess tal-liġi juri li, fil-konċett tal-leġislatur, hemm lok għal tentattiv fil-każi kongruwi*

Il-Qorti — Rat l-atti kompilati kontra Antonio Grech fuq l-imputazzjoni talli (1) f'din l-aħħar sena, il-Belt Valletta, fi żmienijiet differenti, permezz ta' azzjonijiet diversi magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni, ikkorrompa lil Paul Cannataci, persuna ta' taħt l-età, b'dana li f'xi okkażjonijiet minnhom din il-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'konġunġiment karnali kontra n-natura, u talli (2) f'din l-aħħar sena, fil-Belt Valletta, fi żmienijiet differenti, permezz ta' azzjonijiet diversi magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemil żieni, ikkorrompa lil Frank Zammit, persuna ta' taħt l-età, b'dana li f'xi okkażjonijiet minnhom din il-korruzzjoni kienet tikkonsisti f'konġunġiment karnali kontra n-natura;

Rat in-nota tal-Attorney General tat-23 ta' Marzu, 1955, li biha l-imsemmijin attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtijiet ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub (1) fl-art. 217(1), 20 tal-Kodiċi Kriminali, u fil-G.N. 337 tal-1940, u (2) fl-art. 220, 42(1)(a), 20 tal-Kodiċi Kriminali, u fil-G.N. 337 tal-1940; barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' April, 1955, li biha ddeċidiet billi ddikjarat l-azzjoni relattiva għall-ewwel imputazzjoni, ta' korruzzjoni tal-minorenni, estinta stante rinunzja, u sabet lill-imputat ħati talli fi żmienijiet diversi, bħala effett ta' riżoluzzjoni waħda, bil-ħsieb li jikkommetti konġunġiment kontra n-natura fuq il-persuna

ta' Paul Cannataci, wera dan il-ħsieb b'attijiet esterjuri u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, li ma ġiex eżegwit mħabba kawża aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu, u lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni ta' korruzzjoni fuq il-persuna ta' Frank Zammit, u kkundannatu għall-piena tal-lavori furzati għal żmien disgħa xhur fuq l-imputàzzjoni l-oħra, relattiva għal Pawlu Cannataci:

Rat ir-rikors li biħ l-imputat interpona appell, u talab ir-riforma tal-pronunċja appellata fis-sens li tiġi revokata l-parti kundannatorja tagħha, u li hu jiġi interament assolt;

Wara li semgħet l-argumenti, ikkunsidrat;

L-aggravji dedotti huma tnejn: wieħed li, bħala fatt, ma kienx hemm ebda attentat mill-imputat li jikkonġunġi ruħu pederastikament mal-minorenni Cannataci; it-tieni li, bħala dritt, il-konġunġiment karnali kontra n-natura ma jammettix tentattiv;

Kwantu għall-ewwel aggravju, din il-Qorti taqbel mal-Maġistrat fl-apprezzament li dan għamel tal-provi, fis-sens li verament l-imputat għamel attijiet tali li jikkostitwixxu attijiet diretti għall-koitu karnali kontra n-natura. Xejn ħlief dan ma jista' jfisser l-att tal-imputat........;

Kwantu għat-tieni aggravju, l-argument tad-difiża hu f'dan is-sens: il-liġi tikkuntenta bil-bidu tal-konġunġiment f'dawn id-delitti karnali (art. 221 Kap. 12); il-Maġistrat eskluda l-bidu tal-konġunġiment; issa, peress li t-tentattiv jikkonsisti fil-bidu tal-eżekuzzjoni, għalhekk, jekk ma hemmx bidu ta' konġunġiment, ma hemmx lanqas bidu ta' eżekuzzjoni, u kwindi ma hemmx tentattiv; hemm biss att ta' libidini korruttur, li jammonta għal reat rinunziabbli mill-parti leża. Kompla jgħid id-difensur li f'dan il-każ kien hemm din ir-rinunzja, u kwindi r-reat minuri ta' korruzzjoni ta' minorenni hu improċedibbli, u l-appellant għandu jiġi liberat;

L-argument hu inġenjus; imma mhux sostenibbli;

Id-difett tal-argument hu li għandha ssir distinzjoni bejn l-espressjoni "bidu tal-konġunġiment", użata fl-art. 221 fuq ċitat, u l-espressjoni "bidu tal-eżekuzzjoni", użata

fl-art. 42. Hu paċifiku li, kwantu għall-ewwel espressjoni, din tfisser li ma hemmx bżonn li jkun hemm il-konġunġiment komplet bl-introduzzjoni totali tal-asta virili fil-parti pudenda, imma hu biżżejjed li jkun hemm "penetration of the slightest kind" (ara Harris & Wilshere, Crim. Law, page 209). Minn dan hu ovvju li jista' jkun hemm attijiet li legalment jammontaw għal bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt, kif inhuma appuntu l-attijiet mil-lat fiżiku. L-attijiet li jikkostitwixxu bidu tal-eżekuzzjoni, għall-finijiet tat-tentattiv, huma dawk "univoċi", u l-attijiet materjali li ġew elenkati superjorment, kommessi mill-imputat, ma jurux ħaġ'oħra ħlief li hu pprova jikkonġunġi ruħu pedestikament ma' Cannataci, u ma rnexxielux għax dan ir-reżista billi żamm magħfusin il-partijiet posterjuri. Dan il-grad ta' univoċità, għall-finijiet tat-tentattiv, jista' jiġi raġġunt, kif inhu raġġunt fil-każ preżenti, bla ma jeħtieġ li jkun hemm bidu tal-konġunġiment. Anki qabel ma s-soġġett attiv jasal għall-bidu tal-konġunġiment, l-attijiet tiegħu jistgħu jikkonfiguraw, bl-univoċità tagħhom, il-bidu tal-eżekuzzjoni li jirradika t-tentattiv;

Jgħid l-awtur fuq ċitat, bl-appoġġ tal-Archbold, minnu ċitat in nota:—"Penetration of the slightest kind is sufficient, and if no penetration is proved, the prisoner may be convicted of the attempt";

Del resto, kważi jista' jingħad li kwistjoni simili, fl-istat tal-liġi tagħna, hi meru dottrinalismu; għax l-art. 222 ibidem jgħid:—"Kull min jinsab ħati ta' attentat vjolent għall-pudur, li fih innifsu ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-subtitolu........." — kliem li juru biċċar li, fil-konċett tal-leġislatur, hemm lok għal tentattiv fil-każi kongruwi;

Għalhekk tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.